MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2001

Citazzjoni Numru. 334/2000/1

**TIME INTERNATIONAL COMPANY LIMITED, Urban Retail Stores Limited u Daniel REGINIANO**

**vs**

**Joseph GRECH, A. & C.E.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fit-22 ta' Frar, 2000, li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-ewwel socjeta' attrici hija l-operatrici, it-tieni socjeta' attrici hija proprjetarja u venditrici ta' prodotti, u t-tielet attur huwa l-inkwilin, ta' hanut bl-isem ta' *Urban Jungle* li jinsab fi Triq Bisazza, Sliema, filwaqt li l-konvenut huwa s-sid ta' fond li jinkludi kamra ta' l-bejt soprastante l-hanut imsemmi;

Illi fil-hamsa (5) ta' Ottubru ta' l-1998 kien ceda s-saqaf ta' l-kamra tal-bejt tal-fond tal-konvenut bil-konsegwenza li dan kien fi stat ta' tigrif jew periklu ghan-nies;

Illi fic-cirkostanzi u wara li kkommissjonaw rapport peritali, bhala mizura prekawzjonali l-atturi zammu l-hanut in kwistjoni maghluq bejn wara nofsinhar tal-hamsa (5) ta' Ottubru tal-1998 u nofsinhar tad-disgha (9) ta' Ottubru tal-1998, u dan bi pregudizzju a dannu taghhom konsistenti fost l-ohrajn fl-ispejjez li kellhom jaghmlu fic-cirkostanzi, il-hlas ta' l-impjegati ghaz-zmien in kwistjoni, it-telf ta' qligh u l-hlas ta' kera ghall-perjodu in kwistjoni;

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi kemm verbalment kif ukoll bil-miktub, inter alia sabiex jammetti r-responsabblita' tieghu u jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kagonati lill-atturi, il-konvenut xorta wahda baqa' inadempjenti;

Illi waqt xi maltemp bejn Novembru u Dicembru tal-1999 l-atturi nnotaw tqattir ta' ilma gej mill-fond tal-konvenut ghal gewwa l-hanut in kwistjoni, u wara li kkommissjonaw rapport peritali kellhom bhala mizura prekawzjonali jergghu jzommu l-hanut in kwistjoni maghluq bejn it-tnejn (2) ta' Dicembru tal-1999 u l-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00 p.m.) tat-tlieta (3) ta' Dicembru tal-1999, u dan a pregudizzju u dannu taghhom konsistenti fost l-ohrajn fl-ispejjez li kellhom jaghmlu fic-cirkostanzi, il-hlas ta' l-impjegati fiz-zmien in kwistjoni, it-telf

ta' qligh ulterjuri (specjalment fiz-zmien kummercjalment krucjali ta' qabel il-milied), kif ukoll il-hlas ta' kera ghall-perjodu in kwistjoni;

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi ohra kemm verbalment kif ukoll bil-miktub ukoll waqt din l-ahhar serje ta' incidenti, sabiex fl-ahhar jammetti r-responsabbilta' tieghu u jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kagonati lill-atturi, il-konvenut xorta wahda baqa' inadempjenti;

Illi ghaldaqstant il-konvenut rrenda ruhu responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi nkluzi danni konsegwenzali, u dan bhala rizultat ta' nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb da parti tieghu;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi nkluzi danni konsegwenzali, bhala rizultat ta' l-incidenti msemmija;

2. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mill-atturi;

3. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tat-tmienja (8) ta' Ottubru 1998, tat-tletin (30) ta' Novembru 1999 u tas-26 ta' Jannar 2000, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar 1999, flimkien ma' l-imghaxijiet legali, ilkoll sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-atturi, flimkien mal-ghaxar (10) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tat-2 t'Awissu, 2000, li biha l-imharrek eccepixxa:

Illi in linea preliminari kull wiehed mill-atturi jrid jipprova sija l-vesti li fiha ppropona din il-kawza u sija l-interess giuridiku tieghu fiha;

Illi fil-mertu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-eccipjent huwa responsabbli ghal xi danni allegatament kagunati;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-imharrek;

Semghet ix-xiehda tal-atturi;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-imharrek;

Rat l-atti kollha tal-kawza, fosthom in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fil-15 ta' Dicembru, 2000 (Pagni 49 sa 51 tal-process) u d-dikjarazzjoni maghmula mill-Avukat tal-imharrek waqt is-smiegh tas-17 ta' Jannar, 2001 (pagna 60 tal-process);

Rat id-Degriet taghha tas-17 ta' Jannar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-imharrek dwar l-interess guridiku tal-atturi li jressqu din il-kawza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi f'din il-kawza, l-atturi qeghdin ifittxu lill-imharrek biex jaghmel tajjeb ghall-hsarat li jghidu li garrbu minhabba tigrif ta' saqaf fuq proprjeta' li tigi fuq il-hanut immexxi minnhom fi Triq Bisazza, Sliema;

Illi ghandu jinghad minnufih li, kif inhi mfassla l-ewwel eccezzjoni tieghu, l-imharrek m'huwiex qieghed jichad *a priori* li l-atturi ghandhom interess li jressqu din il-kawza, imma qieghed jitlob li dawn juru li jesisti fihom tali interess. Din il-fehma tisseddaq izjed fid-dawl tad-dikjarazzjoni li l-Avukat tieghu ghamel quddiem il-Qorti fl-ahhar trattazzjoni tal-eccezzjoni;

Illi tajjeb li jinghad ukoll li fl-ewwel paragrafu tal-premessi fl-Att tac-Citazzjoni, l-atturi jfissru b'mod car x'inhi r-rabta taghhom mal-hanut in kwestjoni;

Illi nghatat xhieda ta' certa dettal dwar il-mod kif it-tliet atturi (zewg kumpanniji u individwu li huwa azzjonist u direttur ta' wahda minnhom) fasslu l-arrangamenti bejniethom dwar il-fornitura ta' stokk, ingagg u thaddim ta' personal u tqassim ta' qligh fit-tmexxija tan-negozju tal-imsemmi hanut;

Illi l-azzjoni presenti hija msejsa fuq danni li l-atturi jghidu li garrbu u li l-imharrek ghandu jwiegeb ghalihom, mhux kuntrattwalment, imma taht il-htija maghrufa bhala "Akwiljana" u dan fil-kwalita' tieghu ta' sid tal-post li jinkludi fih il-hanut fuq imsemmi u wkoll tal-kamra li tinsab fuq l-istess hanut li l-bejt taghha ggarraf kif inghad;

Illi l-atturi fissru b'mod studjat l-insistenza taghhom dwar l-interess guridiku esistenti f'kull wiehed minnhom biex iressqu lkoll flimkien il-kawza presenti kontra l-istess sid imharrek;

Illi b'zieda ma' dak li jissemma dwar it-tliet elementi msemmija mill-atturi (naturalment, mhux mahluq minn zniedhom, imma msejjes fuq l-iskorta tat-taghlim stabilit tal-awturi), irid jinghad ukoll li l-interess mehtieg irid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni posittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq [ara sentenza tas-**27 ta' Marzu, 1990** fil-kawza fl-ismijiet _Muscat et vs Buttigieg et_ (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)];

Illi l-interess guridiku f'attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf u li, fih innifsu, johloq il-htiega tal-vertenza. Ghalhekk, dan igib mieghu il-konsegwenza li l-ewwel u l- aqwa interess guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna ghandha, jigifieri li titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew li tikkoregi ingustizzja maghmula fil-konfront taghha [ara sentenza tat-**2 t'April, 1993**, fil-kawza fl-ismijiet _Farrugia et vs Buhagiar_ (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)];

Illi jizdied jinghad ukoll li ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' attwalita' tal-interess (li, fis-sewwa, l-atturi semmew b'mod hafif hafna fin-Nota taghhom) li biex azzjoni tista' ssehh u titqies imsejsa b'interess kif imiss, trid tkun kapaci li tipproduci risultat vantaggjuz jew utli ghal min jipproponiha u li dak irrisultat jista' jigi uzufruwit [ara sentenza tas-**27 ta' Mejju, 1991**, fil-kawza fl-ismijiet _Bond vs Mangion et_ (Kollez. Vol: **LXXV.ii.385**) u dik tal-**14 ta' Settembru, 1988**, fil-kawza fl-ismijiet _Millard vs Said et_ (Kollez. Vol:**LXXII.ii.299**)];

Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita' tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil- bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos (jintemm) il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza [ara sentenza tas-**17 ta' Frar, 1993**, fil-kawza fl-ismijiet _Sammut et noe vs Attard_ (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)];

Illi fejn hemm izjed minn attur wiehed, bhal fil-kaz presenti, il-kwestjoni ta' jekk l-atturi kollha ghandhomx ikollhom l-istess interess tiehu xejra partikolari fil-ligi taghna. Hjiel ta' dan jidher fl-artikolu 161(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn dak l-artikolu jidher car li m'huwiex mehtieg li l-interess ta' kull attur ikun l-istess, ghaliex l-elementi msemmija aktar 'il fuq biex isejsu l-interess mehtieg, ghalkemm japplikaw f'kull kaz, ma jikkomportawx fihom l-identita' bhala rekwizit ghall-validita' tal-azzjoni;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan ifisser li jekk, ghal xi raguni, xi wiehed mill-atturi tonqos fih il-kwalita' ta' parti interessata waqt il-proceduri jew jitlef l-interess, din ic-cirkostanza tolqot lilu biss u m'hux ukoll is-siwi tal-azzjoni mibdija minnu ma' ohrajn. Hekk illi, finalment, it-tnehija ta' dak l-attur mill-atti fuq nuqqas ta' interess tirriduci ruhha ghal kwestjoni marginali ta' qsim ta' spejjez fil-konfront tal-atturi l-ohrajn u l-parti mharrka, izda mhux ixxejjen l-azzjoni;

Illi, applikati dawn il-principji fil-kaz presenti, irid jinghad li, fl-istadju li tinsab fih il-kawza, huwa bikri wisq biex wiehed jiddetermina x'inhu l-interess specifiku ta' kull wiehed mill-atturi: dan huwa esercizzju li jintemm meta tkun instemghet ix-xhieda waqt it-trattazzjoni tal-kawza fil-mertu. Il-Qorti tinsab

soddisfatta, madankollu, li *prima facie*, ebda wiehed mill-atturi ma jista' jigi maqlugh 'il barra *ictu oculi*, izjed u izjed meta wiehed iqis (minn qari strett u litterali ta' kif inhija formulata c-Citazzjoni) ir-rabta sfiqa bejniethom u kif l-hsara mgarrba mill-kerrej tinfirex fuq l-atturi l-ohrajn;

Illi, kif inghad izjed 'il fuq, l-eccezzjoni in esami, izjed milli xilja li l-ebda wiehed mill-atturi m'ghandu interess li jagixxi kontra l-imharrek, ghandha izjed min-natura ta' talba biex l-atturi jfissru x'inhu l-interess legali li kull wiehed minnhom ghandu. Implicitament, ghalhekk, lanqas l-imharrek m'huwa qieghed jarmi 'l barra ghal kollox il-possibilita' li t-tliet atturi jista' ghandhom interess li jharrkuh. Johrog biss minn xi korrispondenza mibghuta qabel ma bdiet il-kawza (per ezempju, d-Dokument "J" f'pagna 21 tal-process) li l-imharrek f'din il-kawza kien qieghed jghid li ma kellu l-ebda rabta ma' wahda mis-Socjetajiet attrici;

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-imharrek li, sa dan l-istadju tal-kawza, ma ntweriex ghas-sudisfazzjon taghha li xi wiehed mill-atturi m'ghandux interess u li l-imharrek ghandu jinheles milli jibqa' fil-gudizzju minhabba f'hekk, u ghalhekk, l-istess eccezzjoni m'hix qeghda tigi milqugha, u tordna li l-kawza tissokta bis-smiegh tal-provi fil-mertu;

Minhabba f'hekk, u f'dak li jista' jirrisulta dwar l-interess tal-atturi waqt is-smiegh tal-kawza, l-ispejjez ta' din id-decizjoni ghandhom jigu decizi mas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------